# Leħen il-Malti

**MAĦRUĠ**

**MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')**

"IĊĦAD LIL MIN IRID JURIK IMĦABBA
U JRID LI MOĦĦOK JIBQA' DAQSHEKK ŻGĦIR;
IBLAĦ LA TKUNX, ID-DAWL TAX-XEMX LE JTABBA',
DAK LE MA JĦOBBOK, GĦAL KBURITEK IGĦIR."

**ID-XLIX SENA** **1980** **GĦADD 22**

## IL-KUMITAT TA' L-GHAQDA TAL-MALTI: (UNIVERSITA')

*President:* Mons. Professur Dun Karm Sant B.A., D.D., S.S.D.

*Viċi-President:* Rev. Edward Fenech, B.A. (Hons.), M.A., Ph.D. (Leeds)

*Segretarju:* Charles J. Scicluna

*Kaxxier:* Ġorġ Mallia B.A. (Hons.)

*P.R.O.:* Carmen Dalli

*Membri:* Dr. Oliver Friggieri, B.A., M.A., Ph.D.
Catherine Mallia, B.A. (Gen.)
Tony Abela

# LEHEN IL-MALTI

ID-XLIX SENA 1980 GHADD 22

BORD EDITORJALI

*Editur: Mons. Professur Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D.*

*Assistenti Edituri: Oliver Friggieri, B.A., M.A., Ph.D.*

*Ġorġ Mallia, B.A. (Hons.)*

# EDITORJAL

- **LETTERATURA MALTIJA ĠDIDA**

Il-progress li sar fil-qasam letterarju Malti tul dawn l-aħħar snin hu kbir, u jidher kemm fil-kwalità u kemm fil-kwantità. Minħabba li l-livell medju tal-kittieb Malti għola, il-kitba tiegħu għoliet ukoll, u ssokta jidħol fostna s-sentiment importanti li l-letteratura Maltija, minkejja ċ-ċokon tagħha u tal-post fejn titrawwem, hi ħaġa waħda mas-sensibilità artistika tad-dinja. Beda dieħel għall-ewwel darba s-sens ta' kitba li hi miktuba inċidentalment bil-Malti waqt li hi miktuba bi ħtieġa minn awturi, jiġifieri minn nies li huma wisq aktar minn sempliċi devoti tal-lingwa.

Waqt li kiber il-pubbliku li jaqra l-ktieb Malti, daħlet ukoll l-idea li min jaqra bil-Malti ma jaqrax b'dispożizzjoni miskina, bħallikieku jaqra għaliex ma jafx b'ilsna oħra. Dan l-avvanz seta' u għadu jista' jsir aktar jekk, u skond kemm, jonqos il-preġudizzju kontra l-kitba Maltija bħala tali. Hu preġudizzju ingust li m'hux nieqes, madankollu, mill-ġustifikazzjonijiet soċjokulturali tiegħu. Ngħidu aħna, kotba "letterarji" bla valur huma ta' ħsara kbira lil-letteratura Maltija li għadha fil-fażi ta' affermazzjoni kulturali u xjentifika tagħha. Nuqqas ta' livelli għoljin fil-kotba letterarji huwa daqqa ta' ħarta kbira lill-kawża fundamentali tal-ktieb Malti: il-ħtieġa li xogħol letterarju bil-Malti jinqara minn kull min hu, qabel xejn, midħla tal-letteratura barranija. Spiċċat qajl qajl l-idea falza li l-Malti għandu jolqot biss lil ftit li huma devoti tiegħu. Kontra din il-fehma, li għandha l-egħruq tagħha mxettlin f'bosta saffi tal-ħajja Maltija, iġ-ġieldu u għadhom jiġġieldu l-awturi żgħażagħ serji li għadhom iridu juru li anki bil-Malti għandha tinħoloq letteratura denja, wisq aqwa minn sforzi li għandhom l-għan limitat li jħarrġu lingwa u jxerrduha. Il-letteratura, jekk hi arti, m'hix mezz għal dan l-iskop.

## • IS-SEHEM TA' L-UNIVERSITÀ

F'dan it-tiġdid, bħalma f'bosta oqsma oħrajn tal-ħajja soċjali u kulturali tal-gżira, l-Università tat u għandha tibqa' tagħti sehem mill-akbar. Dan is-sehem ma jinkludix biss l-għoti ta' gradi li jgħinu biex il-letteratura tkun magħrufa u studjata xjentifikament, iżda wkoll il-formazzjoni ta' ambjent li fih u madwaru jistgħu jitrawmu l-kittieba ġodda, dawk li jibdew jiktbu bis-saħħa ta' formazzjoni akkademika soda fl-oqsma ewlenin ta' l-edukazzjoni estetika. Jekk mibni fuq id-distinzjoni importanti bejn min hu lingwista u min hu kritiku, l-istudju ta' qasam bħalma hu l-Malti jista' jaqbad id-direzzjonijiet xierqa tiegħu li jwasslu, fl-aħħar mill-aħħar, għat-tisħiħ ta' kull qasam mingħajr ma wieħed jisfa' mfixkel mill-ieħor u ma' l-ieħor meta mhux suppost. Il-bini ta' studju lingwistiku aġġornat u ta' saġġistika kritika aġġornata jitlob dedikazzjoni li fiż-żminijiet ta' llum qiegħda ssir dejjem aktar diffiċli minħabba l-iżviluppi kbar f'oqsma idjaq ta' għarfien. Fil-limiti tagħha, il-letteratura Maltija għandha l-isfida akbar li ma tispiċċax biex tmiss biss il-wiċċ tax-xjenzi li għandhom ikunu s-sisien biex tinbena fuqhom aħjar, illum wisq aħjar mill-bieraħ.

## • EGĦLUQ IL-MITT SENA MIT-TWELID TA' CREMONA

Egħluq il-mitt sena mit-twelid ta' Ninu Cremona tfakkar b'xi mod minn diversi persuni ewlenin fosthom l-għalliema u l-istudenti tal-Liċeo ta' Għawdex. Is-sehem ta' Cremona fl-oqsma letterarji u xjentifiċi li daħal fihom hu oġġett ta' stħarriġ studjat. Hawn biżżejjed li wieħed isemmi l-ħtieġa li tikber il-kuxjenza popolari favur persunaġġi importanti bħal Cremona li taw ħajjithom kollha, bis-sagrifiċċji kbar li jinqalgħu, biex anki Malta ċkejkna trawwem ċiviltà. Dmir ewlieni fi programm kulturali bħal dan jaqa' minnufih fuq l-istudenti universitarji. Bħalma s'issa s-sehem li taw l-istudent u l-gradwati lil-letteratura Maltija kien mill-akbar, hekk ukoll it-tama ta' kull min jemmen fl-identità tagħna hi li dan il-kontribut jibqa', jissaħħaħ u jsib mezzi oħra biex, mingħajr ma jitħassar u jħassar, jixtered fost il-kotra. Dan hu wieħed mill-ideali li Ninu Cremona ilu li ħadem għalihom bil-Malti, b'għajnejh u b'ruħu miftuħin beraħ fuq id-dinja ta' madwaru li hu fittex li jgħolli.

# MAL-FANAL HEMM ĦARSTEK TIXGĦEL

## I.

*Mar-raġġi tal-fanal hemm ħarstek tixgħel*
*u qalbek ċentufolju mħabbla miegħu,*
*iss'itla' nkiss nkiss mal-kantuniera*
*u gerrex lill-għasfur ta' fuq it-tieqa*
*u aqta' mill-qasrija d-demgħa ġdida*
*li rfajt għalik u ħożż ħaddejk bil-kelma*
*li sibtlek mill-qigħan tad-dizzjunarju*
*qadim ta' ruħi, ibża' għall-paġni mqattgħa*
*u qiegħed il-petala biex tiftakar*
*li dik hi l-kelma tiegħi, ħudha. Ejja*
***ħa tterraq miegħi ħafja, solitarja***
*dis-siegħa sewda, n-ngħas refagħlek ħolma*
*lewn iż-żerniq, se titla' x-xemx mistħija,*
*se jkanta l-gawwi mbeżża', se jixegħlu*
*dal-waqt il-kwiekeb, biex titwieled fl-aħħar*
*il-melodija, u tfeġġ fuq fommi l-għanja*
*li qatt ma ktibt, u togħla mal-kampnari*
*l-ħamiema kwieta, tifla ta' l-iljieli.*
*Kantali, Solitudni tal-kwartieri,*
*ħaddanni, Ruħ li tvenven ġo l-irkejjen,*
*aqrali idejja, Żingara tal-misraħ,*
*għax, ara, mal-fanal hemm ħarstek tixgħel.*

## II.

*U forsi ħarstek tulipan titħassar*
*minn mal-ħitan ta' din il-kamra vojta,*
*u forsi jitgħattew kemm kemm bir-ramel*
*għajnejk il-baħar kalm għajnejk il-mewġa*
*li taf bl-amment il-poeżija tiegħi,*
*qanpiena ta' kampnar qadim, kellimni*
*kull sillaba li taf din l-għalqa sewda,*
*dal-blat li kiber żmerċ, dis-siegħa*
*eħ f'din is-siegħa l-minutieri wieqfa*
*u l-qalb m'hix tħabbat, ifhem das-silenzju*
*u terraq ħafja miegħi, il-binarji*
*jaslu qabilna, dan tren solitarju*
*u se tilqagħna l-belt, il-folla muta,*
*l-uċuħ skantati, u ħarstek vjola tkanta*
*l-għanjiet ta' dal-Kanal, il-melodija*
*stunata l-melodija f'din is-siegħa*
*u għada jisbaħ xorta, il-vjaġġ ikompli*
*għax ħarstek tulipan se tiftaħ kmieni*

*u kmieni trodd il-bikja 'l dil-pjaneta*
*biex tixhed li xemx oħra inutli telgħet,*
*u sigarrett ieħor minn dawk inħela*
*darb'oħra għax ħelwa, tulipan, dil-marda.*

III.

*Iss'inti l-istaġun il-ġdid, ħamiema*
*li l-bieraħ kilt minn idi, solitarja,*
*bħax-xemx li żżerżqet fuqi w fuqek tokrob,*
*kellimni nkiss inkiss f'dan is-silenzju*
*ta' moħħ użat li nfetaħ katakombi*
*quddiemek biex int tirfes ħafja — idħol.*
*Iss'int il-pjanu sieket u fik għandek*
*il-melodija vjola li se nikteb*
*bin-noti li kont wegħedtni. Poeżija,*
*iss'int il-poeżija kbira tiegħi,*
*il-kliem li ma jinstabx fid-dizzjunarju*
*u r-ritmi jibku, is-sillabi jlaqalqu,*
*għax inti muta, solitudni ġdida,*
*ja rondina li tixrob mill-agħdajjar*
*u tgħodd iċ-ċrieki żgħar li nħobb inpinġi*
*kull fil-għaxija meta nitfa' ċagħka,*
*ja bint l-erwieħ li siktu, tqalleb waħdek*
*u taqra l-kotba mdejqa tal-poeta.*

IV.

*Agħtini l-kliem t'għajnejk, il-lejl qed jikteb*
*ballata vjola fuq il-ġmiel ta' wiċċek,*
*in-nida tleqq, ħaddejk univers abjad*
*li ħadd ma jirfes ħafi bla ma jweġġa',*
*miss dawn l-idejn u ħoss dil-qalb żlugata,*
*u ara sħun id-demm, solenni l-bikja.*
*Ħamiema, 'ttirx fil-bogħod u kul minn idi,*
*dan qamħ li ma joqtolx, dan ilma safi.*
*Monotona l-qanpiena ddoqq is-siegħa*
*li inti ttir minn fuq dit-tieqa mbexxqa*
*li ftaħt għalik, monotona t-tnehida*
*minquxa bħall-miraġġ li jmur u jiġi.*
*Ittirx fil-bogħod, u għid dit-talba miegħi:*
*"Hemm raġġi ta' fanal mixħuta fuqi,*
*hemm kewkba umli tiddi biss għalija,*
*hemm fjur selvaġġ li fetaħ ġewwa sidri,*
*hemm xemgħa tnemnem biss minħabba fija."*

**OLIVER FRIGGIERI**

# TAGHRIF GDID FUQ M.A. VASSALLI

Dr. Cleardo Naudi u Giuseppe Cannolo

Sa fejn naf jien s'issa qatt ma kellna dokument li jurina fejn kien joqgħod sewwa M.A. Vassalli wara li ġie mill-eżilju fl-1820.

Skond avviż fl-1820 fil-Gazzetta tal-Gvern Vassalli kellu jagħti l-lezzjonijiet tiegħu fid-dar Nu 347, Triq San Pawl il-Belt[1]; iżda ma nafux sewwa jekk din kinetx ir-residenza tiegħu. Ninu Cremona jgħid li fl-aħħar ta' ħajtu kien joqgħod il-Pietà, iżda xejn aktar, u ma jgħidx mnejn ġieb l-informazzjoni[2].

Kien ilu jberren il-ħsieb ġo rasi li nara nistax insib xi ħaġa mir-reġistri ta' li **Status Animarum** tal-Parroċċa tal-Belt; fl-aħħar irnexxieli nsib it-tagħrif li xtaqt bl-għajnuna tal-Kappillani u ta' **Dun Ġwann** Azzopardi.

**Fl-Status Animarum** tal-Parroċċa ta' San Pawl (1822-25) insib li fid-dar Nru 347 kienet toqgħod Giachina Campanello (29 sena), Rosa (10 snin) u Bartolomeo (8 snin). Jekk Vassalli kellu residenza hawn, ma tantx dam wisq fiha; ta' min jinnota li d-djar Nri 341, 342, 346, 348, 349 kienu mgħammra minn familji Protestanti. Isem Vassalli f'dan ir-reġistru ma jidher imkien.

L-aktar skoperta importanti hi r-reġistrazzjoni ta' l-1828, is-sena ta' qabel il-mewt ta' Vassalli li ġrat fit-12 ta' Jannar 1829. Fit-taqsima tal-Pietà — dan ir-raħal kien jagħmel mal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt — insibu din in-nota:

Strada Misida detta tal
Guardia Mangia
N° 2 — 2 Casa Sospetta
Michele Vassallo (sic) sospet(to)
Catarina
fig.

Gabriele
Michele
Saverio

Jidher ċar li Vassalli kien joqgħod f'daqsxejn ta' dar fit-telgħa tal-Gwardamangia fl-inħawi tal-Villa ta' Hookham Frere, il-ħabib u protettur tiegħu, u li ma kienx f'kuntatt mal-Kurat ta' San Pawl. Il-kelma **sospetto** kienet tfisser li wieħed ma kellux żwieġ regolari; milli jidher l-informazzjoni ttieħdet minn terzi persuni, għax ma nsibux l-etajiet tal-membri tal-familja, bħalma nsibu fil-bqija tal-familji l-oħra u anqas eżattezza fl-isem ta' Vassalli stess; li ma kinux l-ismi-

jiet tal-mara u ta' wliedu fl-ordni ta' l-età tagħhom, anqas konna nkunu ċerti li din kienet id-dar tiegħu.

Dan jikkonferma dak li qal Schlienz, jiġifieri li l-Kurat ta' San Pawl ta' dik il-ħabta ma tahx difna Kattolika, minħabba ż-żwieġ irregolari tiegħu. L-anqas nistgħu ngħidu li dan ġara għax ħasbuh Protestant, għax kieku kien iniżżel "protestant" ħdejn in-numru taddar bla ma jniżżel l-ismijiet, bħalma nsibu f'każi oħra fl-istess reġistru. Milli jidher il-Kurat kellu tama li jirranġaw l-affarijiet, għax kieku ma kienx iniżżlu fir-reġistru, imma jqisu Protestant u ma jniżżlu xejn.

**Dr. Cleardo Naudi u Giuseppe Cannolo**

Dawn it-tnejn min-nies kienu midħla sewwa taċ-**Church Missionary Society**, li kellha d-dar tagħha fi triq San Ġwann, kantuniera ma' Strada Stretta. Dan ikkonfermajtu mir-reġistru ta' li **Status Animarum** tal-parroċċa tal-Portu Salv tal-Belt fejn taħt in-numru 75, hemm imniżżel "Inglesi".

Cleardo Naudi skond l-istess reġistru kien joqgħod fi Strada Stretta Nru 84; miegħu kellu l-familja Spinelli (1820-1833). Naudi kien Protestant iddikjarat, u kien intimu ma' ħafna mill-għaqdiet jew setet Protestanti li kienu jaħdmu hawn Malta. Ikollna ngħidu għalhekk li nsibuh f'dan ir-reġistru minħabba l-familja Spinelli li kienet iddur bih. Din il-familja kienet tikkonsisti mir-raġel Michele u Katerina, il-mara. Fl-1831 tissemma wkoll Elisabetta moglie di Ferdinando Tedesco (?) fl-istess dar.

Giuseppe Cannolo, li kien isinn is-skieken, kien l-ewwel traduttur tal-Vanġelu ta' San Ġwann bil-Malti. Jowett igħidilna li kien joqgħod qrib id-dar tagħhom (CMS). Fir-reġistru (1818-1833) tal-Parroċċa ta' Portu Salv insibu li kien joqgħod f'kamra Nru 30 fi Strada Stretta; miegħu kellu l-mara Maria Assunta li wara s-sena 1833 insibuha l-Ospizio tax-xjuħ, naturalment il-Furjana. Cannolo kien fqir, u skond Jowett kien jaqlagħha u jikolha, u qatt ma kellu flus żejda.

Dan it-tagħrif, żgħir kemm hu żgħir, ikompli jixħet dawl ġdid fuq il-ħidma lingwistiko-reliġjuża ta' l-ewwel nofs is-seklu tal-ħakma Ingliża f'Malta, meta l-attività Protestanta kienet qawwija u aggressiva[3].

Tarxien 12/6/1980 **DUN KARM SANT**

**RIFERENZI**

(1) A. Cremona, **Mikiel Anton Vassalli**, Malta: KKM, 1975, p.50.
(2) Ibid. p. 66.
(3) K. Sant: **It-traduzzjoni tal-Bibbja u l-lisien Malti 1810-1850**, Malta: Royal University of Malta, 1975.

# ILHNA POETICI EWLENIN TA' LLUM

Minn mindu l-awturi ġodda ħassu l-ħtieġa ta' maturità differenti, aġġornata skond it-tiġrib tas-seklu għoxrin, il-letteratura Maltija bdiet tiġġedded u tagħmel l-akbar passi 'l quddiem li qatt għamlet. Wara li l-formuli tar-romanticiżmu tradizzjonali, skematiku, laħqu nħlew mill-imitaturi ta' Dun Karm, il-poeżija daħlet f'perijodu twil ta' dekadenza. Hekk ukoll il-qasam tan-narrativa, u t-teatru, ġeneru li baqa' aktar mill-bqija marbut ma' skemi qodma mirutin minn bosta snin qabel. Is-sensibilità li rawmu l-poeti u l-prożaturi l-ġodda kienet mibnija fuq edukazzjoni letterarja għolja, fuq kuxjenza ħajja li ma tingħalaqx skond preġudizzji ta' kemm-il xorta, u fuq kollox fuq il-konvinzjoni li l-letteratura Maltija tista' tkun valida biss jekk tqis ruħha bħala parti mil-letteratura dinjija.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' kitbiet li jistgħu jingħaddu fost l-aħjar xogħlijiet ta' l-ilħna ewlenin li wettqu dan it-tiġdid tekniku u formali fil-poeżija Maltija reċenti.

Minn *TABERNAKLI* (A.C. Aquilina & Co., 1979) ta'
MARIO AZZOPARDI

## FAWWARA

*Kappara taqsam bħal sinna mill-blat*
*teħel ma' ruħi fil-lejl tar-ragħad*
*u r-riħ jagħrafha.*

*Leħen is-sajjetta jibqa' jsus*
*bħal met' għaxi*
*wara t-telqa ta' l-imħabba*
*l-mara tal-ħolm tibqa' tagħfasni*
*biex nerħi mill-ġdid.*

*L-istilel li m'għandhomx sabar jibqgħu f'posthom*
*jiġu għall-kenn f'dat-tabernaklu*
*daqqa kiesaħ daqs ir-ramel*
*daqqa jiskalda x-xewk*
*iżda dejjem abjad*
*bħat-tifriħ ta' l-għotja.*

*U nisma' l-ilħna ta' min miet għall-ħamrija*
*jew min għadu ma twelidx*
*jitolbuni post taħt Siġret Alla.*

*Jien il-pjanta tal-gabillot tal-ġenna.*
*Qalbi r-rummiena*
*b'ċelel trasparenti ta' mħabba mħaffra*
*b'ċifri fil-ġebel imtaqqab:*
*ktieb tas-salmi li ntesew,*
*li kulħadd beża' jkanta.*

*Ja idejn tal-bdiewa:*
*forsi meta subgħajkom imissu x-xquq taċ-ċifri*
*għajnejkom ma jarawx u raskom*
*ma ttikomx biex tħollu s-sinjali.*
*Iżda ħarsu:*
*għax ma toftqux dil-frotta?*

**MARIO AZZOPARDI**

Minn *IL-KANTIKU TAD-DEMM* (A.C. Aquilina & Co., 1980)
ta' ACHILLE MIZZI

# WENS

*Bl-ombra sħuna ta' nifsek*
*wennisni.*
*Għax truf subgħajk m'humiex għomja.*
*Daqs kemm m'hix truxa l-vina*
*tnemmel fit-tanbur ta' widinti.*
*Kemm hu sfiq dan id-dlam għammieq*
*madwarna l-ġganti*
*li nieqfu arbulati fuq par saqajn*
*fuq dan il-mikrokożmu*
*ta' ħamrija tgedwed bil-ħajja!*
*Il-piż taż-żmien u l-ispazju*
*qed igħattanni bħal sider mimli*
*fuq fomm ta' tarbija.*
*U nħossni waħdi.*
*Avolja waqtiet*
*fl-għaxijiet blu nistqarr ħsibijieti*
*max-xitel u merqtu jifhimni*
*u xewqati bħal ponn kosbor*
*jgħosfru u jimirħu fil-baħħ mal-qtajjiet*
*ta' l-alwett.*

*Daqqiet inħossni mġenġel*
*bħal żir tad-deffun li jtappan ġo fih*
*ċempil il-qtar*
*li ma jdoqqx id-difa tal-kristall.*
*Min hu dan alla tal-kefrija*
*li bil-ħdejjed jikwu*
*ħbub għajnejja xawwatli?*
*Ħalli ntiegħem għarqek ma' ġismi.*
*Ħa nxomm rieqek jismotni bir-riħa*
*tas-sess li jagħżilna.*
*U l-għomja li qatt ma stabru fl-iljieli bla kwiekeb*
*jaraw mill-ġdid minn ġo fina,*
*jaraw l-agħdajjar bħal ħġieġa mxaqqa*
*fejn jittertqu l-imrieżaq.*
*Missni naqra u jaqa' l-qxur*
*minn għajnejja,*
*u minn ġismi jinħallu l-faxex*
*u minn ġewwa ninxtegħel bl-oranġjo*
*bħal ferħ naħal sakran igħanni l-għanja*
*bla nikta*
*f'bomblu baqta mimli bin-nir*
*tas-sema t'April.*

**ACHILLE MIZZI**

# CIRKONCIZJONI

*Lilhinn minn Irnella*
*Jaqa' sabta kemm jidher id-dell tal-fidda*
*mal-mewġ jitkissru l-ħjut ta' driegħu*
*iriegħu id rizzi*
*ma' riġlejna għanjiethom*
*tax-xebba nofs għera*
*max-xbieki riesqa tonsob ħaraġ l-irġiel*
*jistkennu*
*għassa wara l-ħasira*
*mill-għanja sirena*
*u l-għomma ta' xtut nofs in-nhar*

*'ma t-tfajjel sajjied skarta n-nagħsa*
*minn ħofra għal ħofra*

*saq il-grottli ta' ħtijietna*
*jdemmu minn kenn għal kenn*
*sakemm leħinha bla ħniena mal-qiegħ*
*waħħallu s-sunnara mal-ħofra fil-blat*
*u t-tifel jistenna bejn art u ilma*
*f'imxija ta' stasi*
*jitriegħed stirat mal-vlontin*
*u jogħdos biex jeħles ir-raġel ġo baħar*
*il-qilla*

*sa jaqta' l-ħarira bi snienu*
*imħabbla ma' blat irrakkmat*
*sakemm nagħsu jdamdam*
*bla wġigħ*
*u d-denfilara toqros ma' koxxtu tiħmar*
*u l-mewġa li ttellgħu f'ħoġorha*
*tiddardar bil-vjolin ta' demmu*
*U x-xebba rżina mxiet ħafja*

*kompliet safja*
*mal-kosta ttella' xuxitha lejn is-sema*
*tistenna l-fidda*
*li ġa tħallset deheb*

**DANIEL MASSA**

Minn F'ALTAMIRA (Gulf Publishing 1979)
ta' VICTOR FENECH

# F'HAGAR QIM

*o kbir alla l-ogħla sid li taf kollox tifhem kollox tara kollox saħansitra wara l-għolja 'l fuq mis-sħab ifhem lilna mixħutin fuq irkubbtejna nitolbuk li din il-gżira li ħabbejna ma tħallix illi tintilef fi rjiħat ma jwasslu mkien*

*o kbir alla nitolbuk fuq irkubbtejna la tħallix lil din il-gżira lejn trabbejna li tintrebaħ mill-qawwiet minn tas-sibbien*

*o kbir alla l-ogħla sid la tnaqqarx waħda war' waħda t-tfajliet sbieħ (sabiex b'demmhom tikseb ġieħ) għaliex bihom din l-art ħelwa trid tissaqqa għaliex minnhom trid il-frieħ*

*o kbir alla l-ogħla sid afda fina inżel fostna aqsam magħna isma' s-sejħa tal-ġens tagħna sejħa kiebja ta' ġens twajjeb taħt blat samm u flimkien (jekk int tiċċaqlaq) naqsmu l-qafas ta' dil-jirda qed iżżommna żmien ir-ram*

**VICTOR FENECH**

# X'JISMU U LILHINN MINNU

novella ta' **ĠORĠ MALLIA**

Jum ieħor. Il-kesħa ta' l-ewwel riġel minn taħt il-friex. Il-papoċċ li ma jinstabx u l-ġirja mtertra sa fejn ħalla l-kalzetti l-lejl ta' qabel. Jum ieħor, u l-ilma nġazzat iraxxax mis-sink għal ma' idu fuq il-vit. Li jżaqżaq biex idur. Jum ieħor, u l-qmis ma tridx tinqafel u żiffa minn taħt il-bieb iddur ma' riġlejh għerja li, xewk xewk, jirtogħdu mir-rkoppa 'l fuq. U mir-rkoppa 'l isfel donnhom bla ħeġġa jgħannqu l-art.

Barra s-sema griż u l-bieb iżaqżaq aktar mill-vit u ma jridx jingħalaq għax simen. It-tisbita li ssakkru tintilef fil-ħamba tal-muturi. Ir-riħ joqroslu wiċċu, id-daħna tal-karozzi mnifsejh.

Ix-xemx tittawwal minn wara sħaba, imma terġa' tgħib f'daqqa u s-sema jiddardar mill-ġdid.

Hemm l-ikħal fis-smewwiet ta' **Jorboruk**. Għoddu l-għanja siekta tad-dawl jaqbeż li jtir mix-xemx tiżreġ 'il fuq mill-ħdura tal-palm. Merżuq jixgħel kwiekeb ċkejkna li jsiru qtar tan-nida jiżżerżqu mal-weraq niedja mil-lejl. U hemm l-għanja mħaxwxa tal-mewġa titliegħeb max-xatt tad-deheb, u d-diwja tal-gawwi mqajla, jinqalbu waħda fuq l-oħra, milwija mal-baħħ mimli tas-smewwiet.

Jidħak mal-plajja, iħoss il-libta ta' ħsiebu tmajna u taħrab mal-ġirja ta' ras il-mewġa.

Tal-linja tard bħas-soltu. Ir-raġel ta' ħdejh għandu riħ u jqaħqaħ kull ħames sekondi u jtella' f'imnieħru kull tlieta. Hemm mara għadha tmeċlaq l-ikla ta' filgħodu. Tiġi karozza, imma mhix tiegħu. Tiġi oħra u titla' l-mara ta' ħdejh. Tiġi tiegħu, imma mimlija u jkollu jiddeffes biex joqgħod. Idaħħal idu fil-but għall-flus. Skoss u jaqa' lura fuq it-tfajla ta' warajh. Sidirha artab u wiċċu jiħmar, u jqaħqaħ u jlaqlaq u jkun se jerġa' jaqa' bil-fixkla. Fl-aħħar jasal u jinżel jiġri. Ħaddejh ħomor jinxtorbu min-nibxa ta' l-arja.

It-tfajliet ta' **Jorboruk** sidirhom għeri u l-bjuda ta' ġisimhom titbandal kull filgħodu man-niżla mtarrġa, taqta' ma' l-isfond iżraq tal-baħar. Għandhom ġwielaq mimlija bil-fjuri, u jinżlu ħdejh u jiżfnu madwaru. Dik ta' l-għajnejn lewn l-arżnu tagħtih warda bajda u dik ta' xuxitha lejl tehmiżhielu f'xagħru.

L-għajta ta' l-imgħallem ma tonqosx. Tard. It-taraġ jiżloq u hemm it-tajn fl-intrata. Il-kamra twila u dejqa b'sitt skrivaniji. Tlieta ma' kull ħajt. Jintasab bilġri f'postu u b'id waħda jerħi l-għoqda ta' l-ingravata u bl-oħra jieħu karta mill-in-tray.

Iħobb it-tfajla ta' l-iskrivanija ta' quddiemu. Bin-nuċċali u għandha xagħarha maqtugħ fuq għonqha. Ma jafx x'jisimha għalkemm kienet ilha bil-qiegħda quddiemu tliet snin. Ma ried jitgħallem isimha

qatt għax beża' li joħlom bih kif kien joħlom b'wiċċha, li 'l isfel, b' għajnejha jgħoddu l-figuri, kien jimlielu l-iljieli. Darba waħda kien talabha tisilfu temprin.

Kien jaf li qatt ma ser igħidilha li jħobbha, imma baqa' jħobbha xorta waħda. Kultant kien jiżfen magħha meta kien ikun waħdu jisma' l-Beatles, u 'l Johann Strauss, u 'l Perry Como.

**F'Jorboruk** hemm l-ilħna tat-tfal li jtiru msaħħra sa l-għoli. Itiru mas-sħaba-tajjara li trejjaħ bil-lajma, titliegħeb ġo suritha, titrattab, u tilbes elf dehra, bħall-ilħna jsusu, li ma jerħu qatt. Iduru ma' qalbu u jerħuh għall-hena ta' ħsus meħlusa. Iħollu r-rażna tal-biża'. U jgħanni mat-tfal, dwar imħabbtu li kissret il-muntanji u ferqet is-smewwiet. Jogħdos fl-ibħra tal-ferħ jitbaħbaħ f'ilmijiethom. Jogħla ma' l-irjiħat ta' għanijietu u l-art ma jmissha qatt.

Bejn l-għadd ta' kont u ieħor jibki mument għall-għarfien li kien injorant u ma jiswa għalxejn. Kien jaqa' għaċ-ċajt kuljum. L-ewwel f'għajnejh stess u mbagħad f'għajnejn ħaddieħor... imma kien igħodd il-kontijiet u joqtol l-uġigħ fl-għadd ta' kull somma.

Wara l-iswed tas-sħab ix-xemx nieżla. Ma jarahiex, imma l-qanpiena ddoqq tgħidlu l-ħin. Riġlejh itajru t-tajn fl-intrata. It-taraġ għadu jiżloq.

It-toroq jinbidlu mill-griż għall-iswed. Id-dawl ta' karrozza jleħħ mument u jgħib fid-dalma. Tal-linja zzappap sa l-istejġ. Moħħu mejjet jintelaq fuq is-sit. Kollox imċajpar: l-għagħa baxxa fil-karrozza, id-damdima siekta barra t-tieqa, id-dawl tal-ħwienet, in-nies ta' l-għajnejn li jberrqu ma' kull waqfa, imbagħad igħibu, dellijiet misruqa.

Ħmura mdemma tixgħel ix-xefaq ta' Jorboruk. Qala bajda ta' kenura tperper fi lwien il-għabex. Hu jtir 'il fuq 'il fuq, merfugħ mil-leħħa t'għajnejh, li għandhom fihom l-għajta mfella ta' l-aħħar gawwija tal-jum, u t-tajran tagħha. U l-qala tgħib fil-ħalq jittewweb tal-kenn.

U mit-twapet ta' ħdura bla xefaq immewġa minn żiffa, tielgħa l-għanja ta' l-għaxija. Tintrifed sa tinfaqa' f'elf nota li jilħqu l-imtajjar fil-għoli u jissaħħu mit-talb ġo qalbu. Jagħraf tifsirithom u jintreħa fi tbandila mielsa li twasslu fl-ilqugħ imdieheb tal-plajja.

It-television reġa' bil-ħsara. Jitgeddes miegħu nnifsu fuq pultruna iebsa. Ħarstu ffissata fuq faċċata ta' ktieb, biss hemm iċ-ċpar quddiem għajnejh u l-kliem miktuba saru snug itebbgħu s-sfura tal-karta. Għadu l-ħin... id-disgħa. Għajjien, u l-kesħa.

Id-dlam tas-sodda jitboq lid-dinja barra. Jidħol jorqod.

Il-kutra xxewwiklu mnieħru, u s-saqaf jidher griż għajr għattikek suwed. Hemm brimba fir-rokna. Jorqod... jaħseb fl-għada. Kif se jerġa' jinsa ħajtu u dinjietu, u jgħix biss għal **Jorboruk**.

**Frar '78**

# SELMUN

*San Pawl kien dahru lejna fuq il-Gżejjer,*
*u fuq Selmun*
*żiffa ħelwa tar-rebbiegħa*
*kienet ħiemda titliegħeb ġot-trofof xagħar*
*ma' wiċċek ħelu.*
*Ma' truf l-irdum*
*fuq il-ħurtan u l-ingliża w is-sagħtar kobob*
*kien hemm imferrxa l-kliem ta' fommi*
*idur madwarna fuq ġwienaħ ħfief*
*ta' friefet bojod.*
*U l-mewġ ta' nifs minn sidrek tiela'*
*ħassejt bil-mod ma' wiċċi jfewweġ*
*id-diwi ħiemed*
*f'anestesija*
*ta' ħolma ddub*
*minn xfar idejja.*

**TONY MANGION**

---

## "DUN KARM - IL-POEZIJI MIGBURA"

## *Edizzjoni kritika ta' Oliver Friggieri*

M'hemmx dubju li Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali Malti, huwa figura importanti ħafna fl-istorja tal-letteratura Maltija. Għal bosta snin il-poeżiji tiegħu baqgħu mxerrdin 'l hawn u 'l hinn f'kotba qodma li ma baqgħux fl-idejn, f'rivisti rari, f'gazzetti u f'fuljetti li diffiċli jinstabu, kif ukoll f'manuskritti. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-poeżija Maltija, il-poeżiji ta' Dun Karm inġabru minn Oliver Friggieri f edizzjoni kritika mogħnija mhux biss bil-poeżiji miġburin flimkien iżda wkoll bi studji u b'appendiċi dwarhom.

DUN KARM — IL-POEŻIJI MIĠBURA huwa volum tassew mill-isbaħ ippubblikat minn Karmen Mikallef Buħaġar u mill-Klabb Kotba Maltin. Id-disinn tal-qoxra hu magħmul minn Emvin Cremona, u l-ktieb hu mitbugħ bl-**offset** għand l-Interprint Ltd. Il-volum ħareġ f'edizzjoni b'qoxra iebsa jew illegata **(hardbound)**, u f'edizzjoni b'qoxra ratba jew **paperback**. Il-ħruġ ta' dan il-ktieb importanti kien wieħed mill-avvenimenti ewlenin ipprogrammati għal matul it-Tieni Fiera Internazzjonali tal-Ktieb li saret f'Dar il-Mediterran, Valletta, bejn is-17 u l-21 t'April 1980. **Dun Karm — Il-Poeżiji Miġbura** ġie ppreżentat uffiċjalment lill-pubbliku matul programm mużiko-letterarju li sar fil-post imsemmi fit-18 t'April u li attenda għalih l-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni Philip Muscat.

# FUNZJONI SINTATTIKA-SEMANTIKA TAL-PREPOZIZZJONI 'LIL'

ALBERT J. BORG

Fil-Malti nsibu ċerti sentenzi li fihom verb transittiv u oġġett dirett. F'ħafna minn dawn is-sentenzi jrid bil-fors ikun hemm 'lil' qabel l-oġġett, kif insibu f'(1) u (2). Imma f'ħafna

1 a. Ġanni ra 'l Pawlu.
  b. * Ġanni ra Pawlu.
2 a. Ġanni sema' 'l Marija tibki.
  b. * Ġanni sema' Marija tibki.

sentenzi oħra jrid bil-fors ma jkunx hemm 'lil' qabel l-oġġett, bħal fis-sentenzi (3) u (4). (L-asterisk* nużah bħala sinjal li ċerta sen tenza m'hijiex aċċettata fil-Malti. Is-sinjal? nużah biex nuri li hemm xi dubju jekk ċertu sentenza hijiex aċċettata fil-Malti.). Jidher għal-hekk li għandna xi ħaġa x'nispjegaw

3 a. Ġanni ra l-qtil ta' Pawlu.
  b. * Ġanni ra lill-qtil ta' Pawlu.
4 a Ġanni sema' l-istorbju.
  b. * Ġanni sema' lill-istorbju.

hawnhekk, jekk naċċettaw li sintattikament is-sentenzi (1) sa (4) kollha għandhom l-istruttura **suġġett+verb+oġġett (dirett).**

Sutcliffe (1936, p.169) igħid li 'lil' tintuża biex tintroduċi l-oġġett tal-verb; imma mbagħad ikompli jgħid li l-użu tagħha mhux ristrett għall-oġġetti definiti biss, bħalma huma n-nomi propji. 'Lil' tintuza ukoll ma' oġġetti li huma indefiniti u jagħti l-eżempju (5):

5. Taf lil xi ħadd?

Aquilina (1965, p.114) igħid li l-prepożizzjoni 'lil' tintuża regolarment qabel l-oġġett tal-verb meta l-oġġett ikun nom propju. Diġà rajna xi eżempji ta' sentenzi b'oġġett li hu nom propju, u dawn kollha għandhom 'lil' qabilhom (ara s-sentenzi (1) u (2)), u s'hawnhekk Aquilina għandu raġun. Imma jekk issa nqabblu s-sentenzi (6a) u (6b) ma' (7a) u (7b) naraw li fil-waqt li (6b) mingħajr il-prepożizz-joni

6 a. Mill-karrozza, Ġanni ra 'l Pawlu fil-ġnien.
b. * Mill-karozza, Ġanni ra Pawlu fil-ġnien.
7 a. Mill-ajruplan, Ġanni ra 'l Malta taħtu.
b. Mill-ajruplan, Ġanni ra Malta taħtu.

qabel l-oġġett, m'hijiex sentenza aċċettabbli, (7b) (hi ukoll mingħajr il-prepożizzjoni qabel l-oġġett) tista' toqgħod sewwa bħala sentenza Maltija. Mela allura mhux biżżejjed tgħid li 'lil' tintuża regolarment qabel oġġett li hu nom propju. Trid iżżid ukoll li dan in-nom propju għandu jkun jirreferi għal persuna, għax in-nomi proprji li jirreferu għall-post mhux bil-fors ikollhom 'lil' quddiemhom meta jkun jaqdu l-funzjoni ta' oġġett dirett.

Cauchi (1972, p.117-118) u Krier (1976, p.53) it-tnejn jippruvaw jagħtu soluzzjoni ftit differenti: 'lil' tintuża qabel l-oġġett meta dan jirreferi għal persuna. Imma barra minn sentenzi bħal (1a), (2a) u (6a), fil-Malti għandna ukoll sentenzi bħal (8a) u (8b) fejn

8 a. Rajt lill-mara ta' Ġanni.
b. Rajt il-mara ta' Ġanni.

għalkemm l-oġġett dirett jirreferi għal persuna, b'dan kollu l-preżenza tal-prepożizzjoni 'lil' m'hijiex obbligatorja, għax (8b) toqgħod ukoll bħala sentenza Maltija.

F'xogħol ta' riċerka importanti imma mhux ippublikat, Bonello (1963, pp. 11-13-14) jikkonsidra wkoll din il-problema. L-ewwelnett jagħmel distinzjoni bejn verb transittiv li jieħu biss oġġett wieħed (li hu dirett) u verb transittiv b'żewġ oġġetti, wieħed dirett u l-ieħor indirett. Bonello jgħid li l-prepożizzjoni 'lil' tintuża f'sentenzi bl-ewwel tip ta' verb transittv (verb b'oġġett wieħed biss) meta l-oġġett ikun definit u speċifiku, bħal fis-sentenza

9 a It-tifel iħobb tifla.
b. It-tifel iħobb lit-tifla.

(9b). Imma din ukoll m'hijiex soluzzjoni preċiża biżżejjed, għax bil-Malti minbarra (9b) nistgħu ngħidu ukoll (9c), u f'din is-sentenza

9 c It-tifel iħobb it-tifla.

għalkemm l-oġġett dirett 'it-tifla' huwa definit u speċifiku bħal f'(9b), xorta m'għandux 'lil' quddiemu.

Niġu issa għat-tieni tip ta' verb transittiv li jiddistingwi Bonello (verb b'żewġ oġġetti). Huwa jgħid li f'sentenzi b'dan it-tip ta' verb, il-prepożizzjoni 'lil' tintuża regolarment bejn iż-żewġ oġġetti, bħal fis-sentenza (10a), fejn 'it-tifla' huwa l-oġġett indirett. Imma hawnhekk ukoll Bonello mhux preċiż biżżejjed, għax

10 a. It-tifel bagħat il-ktieb lit-tifla.
b. * It-tifel bagħat il-ktieb it-tifla.

waqt illi flok is-sentenza (10a) ma jistax ikollna (10b) mingħajr il-prepożizzjoni qabel l-oġġett indirett, is-sentenza (11a) bl-oġġett

11 a. Ġanni bagħat il-ktieb l-uffiċċju.
b. ?Ġanni bagħat il-ktieb lill-uffiċċju.

indirett 'l-uffiċċju' u mingħajr il-prepożizzjoni tinstema' ħafna iżjed naturali minn (11b) li fiha l-prepożizzjoni. Ta' min jinnota li hawnhekk ukoll għandna espressjoni nominali (bil-funzjoni ta' oġġett indirett li tirreferi għal post u mhux għal persuna (ara x'intqal dwar is-sentenzi (7a-b)).

S'issa mela rajna li għandna din is-sitwazzjoni: f'sentenzi b'verb transittiv u b'oġġett (dirett) wieħed, bil-fors irid ikun hemm 'lil' qabel oġġett li hu nom propju u jirreferi għal persuna (ara s-sentenzi (1-2), imma jekk in-nom proprju jirreferi għal post, allura mhux bil-fors irid ikun hemm 'lil' qabel l-oġġett (ara s-sentenzi (7)). Mill-banda l-oħra, qabel ċerti oġġetti diretti oħra, bil-fors ma jistax ikun hemm il-prepożizzjoni 'lil' (ara s-sentenzi (3-4)), filwaqt li qabel xi oġġetti diretti li jirreferu għal persuni imma li mhux nomi propji, jista' jkollna 'lil' jew le (ara s-sentenzi (8-9)). U fl-aħħar rajna li f'sentenzi b'verb transittiv u żewġ oġġetti, il-preżenza ta' 'lil' qabel l-oġġett indirett hija obbligatorja, meta l-oġġett jirreferi għal persuna, imma hija fakultattiva meta l-oġġett jirreferi għal post.

Biex il-problema li għadna kif iddeskrivejna naqsmuha f'partijiet iżgħar li nkunu nistgħu nistudjawhom biċċa biċċa, se nieħu l-ewwel dawk is-sentenzi b'oġġett wieħed biss. Barra minn hekk se nikkonsidra għalissa dawk il-każijiet ċari fejn il-preżenza jew l-assenza ta' 'lil' hija obbligatorja, kif jidher mis-sentenzi f'(12). Fis-sentenzi (12a)

12 i a. Ġanni ra 'l Pawlu
b. Ġanni sema' 'l Marija
c. * Ġanni ra lill-qtil ta' Pawlu
d. * Ġanni sema' lill-istorbju

ii a. * Ġanni ra Pawlu
b. * Ġanni sema' Marija
c. Ġanni ra l-qtil ta' Pawlu
d. Ġanni sema' l-istorbju

u (12b) il-preżenza ta' 'lil' hija obbligatorja: qabbel (12 i a-b) ma' (12 ii a-b), filwaqt li fis-sentenzi (12c) u (12d) l-assenza ta' 'lil' hija obbligatorja: qabbel (12 i c-d) ma' (12 ii c-d).

Issa lingwa partikolari timponi fuq in- nies li jitkellmuha mod partikolari kif jikkategorizzaw ir-realtà li jgħixu fiha. Mingħajr ma noqogħdu nidħlu fi problemi filosofiċi u ontoloġiċi, hawnhekk se naddottaw il-pożizzjoni li jieħu Lyons (1977, sezzjoni 11.3) u nassumu li fid-dinja ta' madwarna jeżistu ċertu numru ta' persuni individwali, ta' annimali u ta' ħwejjeġ jew oġġetti oħra fiżiċi li nistgħu niddistingwuhom minn oġġetti oħra. Dawn l-oġġetti kollha jissejħu entitajiet jew ħwejjeġ ta' l-ewwel ordni. Normalment entitajiet ta' l-ewwel ordni ma jibdlux il-karatteristiċi perċettwali tagħhom: ngħidu aħna, iżommu l-istess forma. Barra minn hekk, dawn l-entitajiet dejjem jokkupaw l-ispazju, għallinqas kif narawhom (jew aħjar, kif nipperċepuhom) aħna. Mill-banda l-oħra, ġrajjiet u sitwazzjonijiet li jokkupaw mhux l-ispazju, imma d-dimensjoni taż-żmien, jissejħu entitajiet tat-tieni ordni. Bil-Malti, entitajiet tat-tieni ordni, ngħidu tipikament, li "ġraw" f'xi ħin, bħal fis-sentenzi (13),

13 a Il-qtil ta' Pawlu ġara l-bieraħ.
b *Il-qtil ta' Pawlu kien qiegħed il-bieraħ.
c * Il-qtil ta' Pawlu eżista l-bieraħ.

waqt li entitajiet ta' l-ewwel orni ngħidu, tipikament, li "qegħdin" f'xi post jew li "jeżistu", bħal fis-sentenzi (14).

14 a Ġanni qiegħed fil-ġnien.
b Jeżisti raġel jismu Ġanni.
c * Ġanni ġara fil-ġnien.

Dawk l-espressjonijiet li jirreferu għal entitajiet ta' l-ewwel ordni (bħal ngħidu aħna, nomi propji li jirreferu għal persuni), jissejħu espressjonijiet (nominali) ta' l-ewwel ordni, waqt illi espressjonijiet li tipikament jirreferu għal entitajiet tat-tieni ordni, jissejħu espressjonijiet (nominali) tat-tieni ordni. Meta nosservaw kif inhi mqassma l-okkorrenza tal-prepożizzjoni 'lil' fis-sentenzi f'(12), naraw illi l-preżenza tagħha hija obbligatorja qabel espressjonijiet ta' l-ewwel ordni, waqt illi qabel espressjonijiet tat-tieni ordni, hija l-assenza tagħha li hi obbligatorja. Nistgħu ngħidu għalhekk li fil-Malti 'lil' hija sinjal jew marka sintattika tad-distinzjoni (sematika) bejn espressjonijiet ta' l-ewwel u tat-tieni ordni.

Niġu issa għal dawk il-każijiet fejn il-preżenza jew l-assenza ta' 'lil' qabel l-oġġett dirett hija fakultattiva, kif jidher fis-sentenzi (15). Dawn jidhru li huma kollha sentenzi aċċettabbli,

15 a Ġanni ra lit-tifel ġej.
b Ġanni ra t-tifel ġej.
c Ġanni ra lill-kelb ġej.
d Ġanni ra l-kelb ġej.
e ? Ġanni ra lill-karozza ġejja.
f Ġanni ra l-karozza ġejja.

ħlief forsi (15e) li tinħass daqsxejn stramba. Il-punt hu li hawnhekk il-preżenza ta' 'lil' hija fakultattiva. Issa meta Lyons (1977, sezzjoni 11.3) jitkellem dwar l-entitajiet ta' l-ewwel ordni, josserva li l-persuni għandhom post ipprivileġġat f'din il-klassifika. Ħaġa bħal din m'għandhiex tissorprendina meta niftakru li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-bniedem innifsu li juża l-ilsien biex jaqdi l-ħtiġijiet tiegħu, u għalhekk iħalli fih impronta inkonfondibbilment antropomorfika. Lyons igħid ukoll li f'ħafna ilsna, jekk mhux f'kollha, jidher li hemm ġerarkija ta' entitajiet ta' l-ewwel ordni b'tali mod li l-persuni huma aktar individwalizzati mill-annimali, u l-annimali huma aktar individwalizzati mill-oġġetti. Issa jekk ninnutaw id-distribuzzjoni sintattika tal-prepozizzjoni 'lil' fil-Malti qabel l-oġġeti diretti li skond id-definizzjoni li tajna qabel, huma espressjonijet l jirreferu għal entitajiet ta' l-ewwel ordni (entitajiet li jokkupaw l-ispazju u li huma kostanti fil-karatteristiċi perċettwali tagħhom), naraw li għandna sentenzi fejn il-preżenza ta' 'lil' hija obbligatorja qabel ċerti espressjonijiet ta' l-ewwel ordni, imma fakultattiva qabel ċerti espressjonijiet oħrajn ta' l-ewwel ordni ukoll.

Minn dan nistgħu nikkonkludu li fil-Malti d-distinzjoni bejn entitajiet ta' l-ewwel u tat-tieni ordni m'hijiex waħda li tinqata' b'sinjal dritt, imma hija iżjed bħal skala iggradata. L-ewwel nett fl-estremitajiet għandna differenza stabbilità b'mod ċar: minn naħa waħda hemm il-persuni li nirreferu għalihom b'nomi propji (u li qabilhom għandna l-preżenza obbligatorja ta' 'lil') u minn naħa l-oħra, l-entitajiet tat-tieni ordni fis-sens strett (li jokkupaw iż-żmien u ngħidu li "ġraw", u li qabilhom għandna l-assenza obbligatorja ta' 'lil'). Imma mbagħad fil-klassi ta' entitajiet ta' l-ewwel ordni għandna klassifika ġerarkika fejn entitajiet li huma animati għandhom status iżjed għoli fl-iskala ta' l-ewwel ordni minn entitajiet oħra li mhux animati, jiġifieri mill-oġġetti. Mela allura dawn l-oġġetti, għalkemm entitajiet ta' l-ewwel ordni, huma aktar viċin ta' l-entitajiet tat-tieni ordni minn entitajiet oħra animati. Fil-fatt ninnutaw li l-preżenza jew l-assenza ta' 'lil' qabel l-oġġetti diretti 'it-tifel' u 'il-kelb' ma taffettwax l-aċċettabbilità tas-sentenzi (15a-d). Mill-banda l-oħra konna nistennew, minn dak li għidna qabel, li l-verżjoni (15e) fejn 'lil' tidher quddiem l-oġġett dirett 'il-karozza', kellha tkun aċċettabbli għallinqas daqs il-verżjoni (15f) mingħajr 'lil'. Imma fil-fatt naraw li (15e) tinħass xi ftit stramba, waqt li m'hemm l-ebda problema biex naċċettaw is-sentenza (15f).

Għad baqgħalna neżaminaw id-distribuzzjoni ta' 'lil' fil-kuntest sintattiku **Suġġett-Verb-Oġġett Dirett-Oġġett Indirett** fejn, fit-terminoloġija ta' Bonello (1968) il-verb huwa tat-tieni tip. Kif diġà rajna qabel, Bonello mhux korrett meta jgħid li l-preżenza ta' 'lil' hija obbligatorja bejn l-oġġett dirett u l-oġġett indirett f'kostruzzjoni sintattika b'verb transittiv tat-tieni tip (ara s-sentenzi f'(16)). Imma nagħtu ħarsa aktar mill-qrib lejn dawn

16 i Ganni bagħat il-ktieb { a. lil Pawlu / b. * Pawlu }

16 ii Ġanni bagħat il-ktieb { a. ? lill-uffiċċju / b. l-uffiċċju / c. ? lill-posta / d. il-posta }

16 iii L-avukat bagħat l-ittra { a. lill-Qorti:/Lill-Maġistrat / b. il-Qorti:/il-Maġistrat }

is-sentenzi. M'hemmx dubju li 'lil' hija obbligatorja quddiem oġġett indirett li huwa nom propju, kif jidher fis-sentenza (16i). Issa kemm fis-sentenzi (16ii) kif ukoll f'dawk f'(16iii) għandna oġġetti indiretti li jirreferu għal postijiet. Imma xorta waħda għandna differenza fid-distribuzzjoni ta' 'lil'. Fis-sentenzi (16iii) il-preżenza jew l-assenza ta' 'lil' hija fakultattiva, imma dan mhux il-każ fis-sentenzi (16ii), għax il-verżjonijiet fejn għandna l-preżenza ta' 'lil' jinstemgħu strambi ħafna. Jekk imbagħad nippruvaw niflu x'ifissru sew is-sentenzi aċċettabbli f'(16iii) naraw illi propjament, għandna t-tifsira ta' post biss fil-verżjonijiet (16 iii b) fejn m'hemmx 'lil' qabel l-oġġett indirett, għax il-verżjonijiet l-oħra (16 iii a) bil-preżenza ta' 'lil', ifissru mhux il-post bħala sempliċi lokal, imma l-istituzzjoni. Din id-differenza fit-tifsir nistgħu nispjegawha b'dan il-mod: għall-kelliem Malti, il-preżenza ta' 'lil' hija tipikament assoċjata ma' persuni. Issa meta 'lil' tintuża wkoll quddiem espressjoni li normalment jew primarjament, tirreferi għal post, l-assoċjazzjoni personali, biex ngħidu hekk titħallat mat-tifsira ta' "post" u l-espressjoni b'"lil' ninterpretawha fis-sens ta' "istituzzjoni" (jiġifieri, primarjament, mhux il-post fih innifsu, imma l-ġabra ta' persuni li għandhom ċerti funzjonijiet u li biex jaqdu dawn il-funzjonijiet, jiltaqgħu f'ċertu post).

Minn dan li għidna, isegwi illi ċerti espressjonijiet nominali fil-lingwa mhux bil-fors għandhom klassifika statika fil-kuntest tad-distinzjoni bejn entitajiet ta' l-ewwel u tat-tieni ordni: skond it-tifsira ta' l-espressjoni li tkun, u skond il-kuntest, il-preżenza ta' 'lil' fejn is-soltu ma nistennewhiex, tista' sservi biex tgħolli l-istatus ta' espressjoni mill-livell tat-tieni ordni għall-livell ta' l-ewwel ordni, jew minn livell baxx fil-ġerarkija ta' l-ewwel ordni għall-livell ogħla. Biex ngħidu hekk, l-espressjoni li tkun tieħu promowxin għal status iżjed għoli.

**Riferenzi**

Aquilina, J. (1965). **Teach Yourself Maltese.** London: The English Universities Press Ltd.

Bonello, R.R. (1968). **Toward a Theory of the Base Component of Maltese. M.A.** Dissertation, University of Alberta.
Cauchi, M.C. (1972). **A Syntactic Theory of Maltese.** M.A. Dissertation, The Royal University of Malta.
Krier, F. (1976). **Le maltais au contact de l'italien.** Hamburg: Helmut Buske Verlag.
Lyons, J. (1977). **Semantics (2 vol.).** London, New York & Melbourne: Cambridge University Press.
Sutcliffe, E.F. (1963). **A Grammar of the Maltese Language.** Valletta. Progress Press.

# TIFWIR ZMIENI

*Kitbiet tal-ħin, tħarbix tal-waqt dawn huma:*
*Bħal mera 'juru dak li hemm quddiemhom,*
*bla ħjien isiru u ġod-dlam jitgeddsu*
*għax sidhom għani iżda bla kuraġġ.*
*Fil-kwiet ta' qalbi qalb il-ħlejjaq t'Alla*
*dari kont nimraħ bħal ħamiema bajda —*
*Issa flok iżjed, rari tkun il-ħarba*
*li tferra' l-għana taħt id-dell tax-xemx.*
*Id-dinja rota ddur u tagħqad dejjem*
*u tkaxkar magħha lill-batut, lill-kbir —*
*Biss mal-Ħallieq, magħqud fil-ħlejjaq tiegħU*
*insib is-sliem, insib il-Jiena, l-Ilhinn.*
*Tfarrak o fus! Tkissru bsaten kefrija!*
*Xerrdu fuq ħaxix bnin 'l-iskjavi tagħkom;*
*Ħalluhom jiġġerrew egħrwien jew liebsa*
*taħt dawl ix-xemx ftit sħuna ftit ħanina.*
*Il-mixja tagħna ġo triqatna mtawla*
*ħielsa jew skjavi trid issir bil-fors.*
*Aħjar immut inkella nara l-ktajjen,*
*aħjar immut bit-tama tal-ħelsien.*
*Kemm hi qasira, Mulej, il-ħajja tagħna:*
*Nagħmlu ħajjitna ngħarblu u nfittxuk —*
*fix-Xejn insibu l-Hu, insibu lilna;*
*għax għandek u fi ħdanek biss miġbura*
*insibu s-sens, niftakru t-tmiem tad-dinja.*
*It-triq li darba qbadt irrid inkompli*
*le nlesti, għaliex triq li ma tintemmx:*
*Mill-ħolm tal-frugħa taż-żgħożija tiegħi*
*irrid insaffi dak li jibqa' għal dejjem,*
*U ngħanni w ngħanni sa ma jmurli n-nifs.*

**CHARLES J. SCICLUNA**

LUX PRESS

# L-GHAQDA MILL-AHHAR HARĠA TA' L-ORGANU 'L HAWN

Mindu l-aħħar ħareġ *Leħen il-Malti* fl-1977 (numru speċjali f'ġieħ Ġużè Aquilina) l-Għaqda tal-Malti (Università) kkonċentrat l-aktar fuq żewġ aspetti tal-ħidma tagħha.

Ewlieni fost dawn kien u għadu l-programm li l-Għaqda thejji kull raba' Tnejn tax-xahar għall-Cable Radio Wieħed. Dan il-programm, li jismu *Mill-Ħsieb għall-Kelma*, huwa wieħed primarjament ta' analiżi letterarja u jipprova jistudja l-letteratura ta' pajjiżna fil-kuntest storiku u f'dak ta' letteraturi barranin. L-għan totali tas-sensiela hu li permezz ta' studji analitiċi, ta' intervisti ma' kittieba u kritiċi ewlenin, ta' diskussjonijiet u tal-qari stess ta' siltiet letterarji, jitwassal għarfien aħjar tal-letteratura ta' pajjiżna lis-semmiegħa tal-Cable Radio.

Xogħol ieħor ta' l-Għaqda f'dawn l-aħħar snin kien il-ħruġ ta' *Min-Nixxiegħa*, fuljett letterarju li jitqassam b'xejn lill-istudenti universitarji. Is-sitt ħarġiet tal-Fuljett kien fihom xogħlijiet letterarji ta' l-imseħbin, kif ukoll tagħrif u kummenti dwar l-attivitajiet ta' l-Għaqda tal-Malti (Università).

Sadanittant l-Għaqda kompliet torganizza laqgħat letterarji għall-membri tagħha, biex tħeġġiġhom u tgħinhom jiktbu b'mod aktar serju u jiddixxiplinaw il-produzzjoni letterarja tagħhom. Dan bla dubju għen lil dawk l-imseħbin illi eventwalment waslu biex jiktbu u anke jippubblikaw kotba tagħhom stess.